# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Illum il-Ħamis 28 ta' Lulju 2016**

**Provvediment**

**Rikors numru 26/2013/LSO**

**Partit Nazzjonalista rappreżentat minn Dr Lawrence Gonzi, Dr Paul Borg Olivier, Dr Marthese Portelli, Claudette Buttigieg, Frederick Azzopardi u b'digriet tas-27 ta' Ġunju, 2013 assumew l-atti, Dr Simon Busuttil, Dr Ann Fenech, Dr Chris Said, għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista minflok Dr Lawrence Gonzi, Dr Paul Borg Olivier u Dr Marthese Portelli, u b'digriet tat-18 ta' Ġunju 2015 Rosette Thake assumiet l-atti minnflok Chris Said**

**v.**

**Kummissjoni Elettorali u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2013 l-Avukat Ġenerali ġie kjamat in kawża, u b'digriet 11 ta' Lulju 2013, ġew kjamati in kawża l-Onorevoli Edward Scicluna, Joe Debono Grech u Dr Justyne Caruana u Edwin Vassallo, u b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2015 ġie kjamat in kawża il-Partit Laburista**

**1.** Dan huwa provvediment dwar talba ta' Dr. Paul Borg Olivier għar-rikorrenti appellati għall-korrezzjoni fit-talba finali tal-appell inċidentali

tagħhom f'kull risposta ippreżentata minnhom billi minflok id-data "5 ta' Frar, 2015" tiġi inserita d-data "26 ta' Mejju, 2016".

**2.** Dr. Robert Abela għall-Partit Laburista oppona għat-talba billi issottometta li t-talba kienet tammonta għal sostituzzjoni tas-sentenza appellata u irrileva li kien inkonċepibbli li l-Partit Nazzjonalista u r-rikorrenti l-oħra riedu jappellaw mis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016 meta dakinhar li ingħatat għamlu diversi stqarrijiet pubbliċi fejn iddiskrivew dik is-sentenza bħala mirquma li ssaħħaħ id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u iċċensuraw bil-qawwi lil min iddikjara li ser jappella minn dik is-sentenza u kjarament akkwiexxew għaliha. Aktar tard l-istess Dr. Robert Abela żied li huwa kie jaqbel li l-kwistjoni tal-akkwiexxenza o meno ssir rilevanti jekk din il-Qorti tilqa' t-talba għall-korrezzjoni tal-appell inċidentali.

**3.** Dr. Pawlu Lia għall-patroċinati tiegħu Onor. Dr. Justine Caruana, Onor. Joseph Debono Grech, u Onor. Edward Scicluna filwaqt li iddikjara li jifhem x'seta' ġara oppona għall-korrezzjoni mitluba minħabba li tolqot eċċezzjonijiet li ġew sollevati fir-risposta tal-patroċinati tiegħu għall-appell inċidentali.

**4.** Profs. Ian Refalo għall-Kummissjoni Elettorali u Dr. Victoria Buttigieg għall-Avukat Ġenerali irrimettew ruħhom għad-deċizjoni tal-Qorti dwar it-talba għall-korrezzjoni kif ukoll dwar il-kwistjoni tal-akkwiexxenza o meno mas-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016.

**5.** In kwantu għall-kwistjoni ta' akkwiexxenza o meno Dr. Pawlu Lia għall-patroċinati tiegħu iddikjara li fil-fehma tiegħu din il-kwistjoni ssir relevanti jekk din il-Qorti tilqa' t-talba għall-korrezzjoni tal-appell inċidentali. Dr. Robert Abela qabel ma' dan.

**6.** Il-Qorti hi tal-fehma li għalkemm il-kwistjoni ta' akkwiexxenza o meno tar-rikorrenti appellati mas-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016 tinċidi fuq il-mertu tal-appell inċidentali fil-każ li t-talba għall-korrezzjoni tintlaqa' u għalhekk issir relevanti f'dik l-eventwalità, din il-Qorti hi wkoll tal-fehma li l-fatti allegati minn Dr. Abela dwar l-atteġġjament tar-rikorrenti appellati lejn is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016 setgħu kienu relevanti safejn ġie allegat li in vista tagħhom kien inkonċepibbli li dawn qatt riedu jappellaw mill-istess sentenza. Peress illi ma saret ebda prova tal-istess fatti allegati din il-Qorti ma tistax tieħu in konsiderazzjoni l-fatti allegati għall-fini tal-provvediment preżenti.

**7.** Il-parti relevanti tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jagħmel għall-każ jipprovdi kif ġej:

> "(2) Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata:
>
> Iżda kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-qorti fi

> grad ta' appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu:"

**8.** Id-dispożizzjoni appena ċitata, għalhekk, kjarament tippermetti lil din il-Qorti tawtorizza li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba inkluż espliċitament żball fid-data tas-sentenza appellata. Rigward il-korrezzjoni ta' tali żball il-ligi ma għamlet ebda limitazzjoni bħal ma għamlet fis-subartikolu (1) tal-istess artikolu fis-sens t-tibdil ma għandux ikun tali li jbiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża. Fi kwalunkwe każ, tali limitazzjoni ma kinetx tkun applikabbli għat-tibdil mitlub f'din l-istanza peress li tali tibdil ma jinċidix fuq l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża għalkemm jinċidi fuq il-preġudizzjali dwar l-improponibilità, irritwalità u nullità tal-appell inċidentali tar-rikorrenti sollevata fir-risposta tal-intimati appellati Partit Laburista u mill-appellati kjamanti in kawża l-Onor. Dr. Justyne Caruana, Onor. Joe Debono Grech u Onor. Edward Scicluna għall-appell inċidentali msemmi.

**9.** Sabiex tiskatta s-setgħa prevista fil-liġi li l-Qorti tawtorizza t-tiswija jrid jirriżulta qabel xejn li sar żball fir-rikors dwar id-data tas-sentenza appellata u, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, sabiex din il-Qorti tasal għall-konklużjoni tagħha dwar dan trid neċessarjament teżamina l-*iter* proċesswali.

**10.** Permezz ta' rikors tal-20 ta' Marzu 2013 ir-rikorrenti appellati talbu li jiġi dikjarat li l-mankanzi minnhom allegati fil-proċess elettorali fuq it-tmien u t-tlettax-il distrett għall-elezzjoni ġenerali li seħħet fid-9 ta' Marzu 2013 wasslu biex jiġi effettwat l-implimentazzoni tal-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u għall-ksur tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement talbu li jiġi ordnat li jiġu indirizzati l-iżbalji allegatament magħmula mill-Kummissjoni Elettorali bil-mod indikat minnom fir-rikors promotorju tal-ġudizzju u li l-Qorti tagħti dawk ir-rimedji ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

**11.** L-ewwel Qorti diversament preseduta kienet tat-sentenza fil-mertu fil-5 ta' Frar 2015 liema sentenza ġiet appellata quddiem din il-Qorti li ħassritha b'sentenza tad-29 ta' Mejju 2015 u bagħtet l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawża tinstema' mill-ġdid wara li jissejjaħ il-Partit Laburista fil-kawża. Wara l-astensjoni tal-Imħallef li kienet tippresjedi fl-ewwel Qorti u d-debita surroga l-ewwel Qorti reġgħet semgħet il-kawża mill-ġdid u tat is-sentenza finali tagħha fis-26 ta' Mejju 2016.

**12.** Minn dik is-sentenza appellaw *in linea prinċipali* l-Avukat Ġenerali waħdu, appellaw flimkien *in linea prinċipali* l-kjamati in kawża l-Onor. Dr Justyne Caruana, Onor. Joe Debono Grech u Onor. Edward Scicluna,

appellat waħeda *in linea principali* l-Kummissjoni Elettorali u appella *in linea prinċipali* waħdu l-Partit Laburista: erba' appelli prinċipali b'kollox

**13.** Ir-rikorrenti appellati ippreżentaw erba' risposti u permezz ta' kull waħda minnhom appellaw ukoll inċidentalment.

**14.** F'kull wieħed mill-appelli inċidentali r-rikorrenti appellati jibdew billi jippremettu:

> "L-esponenti filwaqt li jirriferu għall rikors promotur u għas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-26 ta' Mejju 2016 kif elenkati fl-appelli imressqa mill-appellanti u li wasslu għall-dan l-appell inċidentali, l-esponenti jirrilevaw illi huma ħassu ruħhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u għalhekk qed jinterponu umili appell inċidentali minnha għal quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali".

**15.** Minn din il-premessa ewlenija r-rikorrenti appellanti inċidentalment kienu kategoriċi li l-aggravju tagħhom kien għar-rigward tas-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016 u li kien minnha li kienu qiegħdin jinterponu l-appell inċidentali tagħhom. Inoltre, t-talbiet fl-appelli inċidentali jikkorrispondu ma' dak deċiż fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016 u ma jikkorispondux ma' dak deċiż fis-sentenza tal-5 ta' Frar 2015. Hekk, fl-appelli inċidentali qiegħda tintalab, *inter alia*, konferma tas-sentenza appellata fejn din laqgħet it-tieni talba u dan kien il-każ fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016 iżda mhux fis-sentenza tal-5 ta' Frar 2015 fejn il-Qorti ta' prim istanza kienet fil-fatt ċaħdet it-tieni talba.

**16.** Għar-raġunijiet premessi din il-Qorti hi sodisfatta li d-data "5 ta' Frar 2015" indikata fit-talba finali tal-appelli inċidentali rispettivi tar-rikorrenti appellati hija l-effett ta' żball u li d-data korretta li għaliha riedu jirreferu l-appellanti inċidentalment kienet dik tas-26 ta' Mejju 2016.

**17.** Għaldaqstant din il-Qorti tilqa' t-talba li saret fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2016 ta' Dr. Paul Borg Olivier għar-rikorrenti appellati u appellanti inċidentalment għall-korrezzjoni fit-talba finali tal-appell inċidentali tagħhom f'kull risposta ippreżentata minnhom billi minflok id-data "5 ta' Frar, 2015" tiġi inserita d-data "26 ta' Mejju, 2016".

**18.** Il-Qorti tordna li kopji tar-risposti u appelli inċidentali tar-rikorrenti kif korretti jiġu notifikati mill-ġdid lill-intimati.

L-ispejjeż ta' dan l-inċident ikun a karigu tar-rikorrenti appellanti inċidentalment.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df